MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 80/2007

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permess tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu civilment fis-6 ta' Marzu 1999 esklussivament peress li l-konvenuta kienet ser titkecca minn Malta minhabba problema ta' viza; li wara z-zwieg il-partijiet ma ghexux il-hajja konjugali u baqghu jghixu fi kmamar separati fid-dar ta' omm l-attur, sakemm izzewgu bir-rit religjuz fid-29 ta' Gunju 2001; li fil-mument li kkuntrattat iz-zwieg civili, il-konvenuta, ad insaputa ta' l-attur, kienet eskludiet il-permanenza taz-zwieg, kif ukoll il-bonum prolis, tant li l-att konjugali bejniethom qatt ma sar miftuh ghat-tfal; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet

fis-6 ta’ Marzu 1999, in bazi ghall-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet li, ghalkemm hija taqbel li jezistu ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg, dawn huma unikament imputabbli liz-zewg partijiet; inoltre tichad li huma kienu zzewgu taht it-theddid ta’ espulsjoni taghha mill-pajjiz, tant li, wara z-zwieg civili, huma kienu zzewgu bir-rit religjuz fid-29 ta’ Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Marzu 1999, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fis-6 ta’ Marzu 1999 l-attur, cittadin Malta li allura kellu 21 sena, izzewweg bir-rit civili, lill-konvenuta, cittadina mill-Kazakistan li allura kellha 20 sena. Sussegwentement fid-29 ta’ Gunju 2001 huma zzewgu bir-rit religjuz. Wara konvivenza ta’ circa tlett snin il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur jispjega li hu kien iltaqa’ mal-konvenuta meta dina kienet qed tistudja f’ Malta. Wara li bdew relazzjoni flimkien, il-konvenuta rriskontrat problema bil-viza, stante li l-pulizija ma riedux igeddulha l-viza, u l-unika via di uscita ghalihom kienet li jizzewgu civilment.

L-attur jispjega li hu kien accetta li jizzewweg lill-konvenuta f’ dak iz-zmien unikament biex isolvu l-problema, u l-konvenuta ma titkecchiex barra minn Malta. Di fatti wara li zzewgu fis-6 ta’ Marzu 1999 huma kienu marru joqghodu ghand ommu, u kienu jorqdu fi kmamar separati, avolja l-genituri tieghu kellhom appartament vojt f’ Bugibba. Jghid li huwa kien accetta dan il-modus vivendi ghax ghalih iz-zwieg civili ma kienx ifisser zwieg ta’ veru, u, nonostante, li l-partijiet kien ikollhom relazzjonijet intimi, anke wara li zzewgu civilment, dawn dejjem saru bi prekawzzjoni biex ma jitwieldux tfal.

Illi eventwalment il-partijiet iddecidew li jizzewgu bir-rit religjuz, u fid-29 ta’ Gunju 2001 huma zzewgu bil-knisja. Wara din id-data kienu marru joqghodu ghar-rashom, u bdew jghixu l-hajja konjugali; izda l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni. Malli bdiet il-konvivenza, il-konvenuta bidlet l-komportament taghha fil-konfront ta’ l-attur, u bdiet tinsisti li hi tohrog wahedha mal-hbieb taghha, filwaqt li l-konvenut johrog mal-hbieb tieghu; kienet tippretendi li hi tohrog u tmur fejn trid u ma tinformax lill-attur, allura zewgha, u kienet tibqa’ barra filghaxija sa kmieni filghodu. Inoltre, kienet riluttanti li jkollha t-tfal peress li riedet tavvanza fil-karriera taghha. Dan beda jaffettwa l-hajja konjugali tal-partijiet; u eventwalment il-konvenuta qalet lill-attur li hi qatt ma kellha l-intenzjoni li jkollha tfal minnhu u li z-zwieg taghhom kien spicca. F’ Marzu 2005 il-konvenuta abbandunat id-dar konjugali.

*Verzjoni tal-Konvenuta*

Il-konvenuta tikkonferma li, xi zmien wara li hi bdiet tiffrekwenta lill-attur, hija rriskontrat problema fil-viza taghha, u li kien f’ dan iz-zmien li huma kienu ddecidew li jizzewgu; izda minn naha taghha, din ma kienitx l-unika raguni li waslitha sabiex tiddecidi li tizzewweg lill-attur. Hi tghid li kienet thobb lill-attur u riedet li jizzewgu. “It actually was a bit of a surprise and panicky, but as for myself I was ready to get married. I was in love, and I thought that it could work.”[1] Hija tghid li ghaliha zwieg civili huwa zwieg ta’ veru, u di fatti f’ pajjizha l-maggjoranza tan-nies

[1] Fol.77

kienu jizzewgu bir-rit civili biss. Izda l-fehema ta' l-attur, u izjed u izjed tal-genituri tieghu kienet differenti. Dawn kienu jemmnu li l-veru zwieg kien dak bil-knisja, u ghalhekk, wara z-zwieg civili, huma ma kienux jorqdu flimkien skond ix-xewqat tal-genituri tieghu. Tghid: "For me it didn't make any difference, because for me civil marriage is still a priority, and that a real marriage; and I did go through the church wedding just to go along with his wish and his parents and relatives wishes."[2]

Il-konvenuta tghid li ghalhekk, kif huma zzewgu bir-rit religjuz, il-hajja taghhom inbidlet, u fl-ahhar setghu jbdew jghixu l-hajja konjugali; inizjalment marru joqghodu ghar-rashom fil-flat Bugibba, u eventwalment dahhlu jghixu fid-dar taghhom fil-Mosta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaz-zwieg civili, l-attur ma fehemx l-import ta' dak il-pass importanti li kien ghamel, tant li jghid b' mod car li ma kienx iqis li kien mizzewweg verament; minn naha taghha, il-konvenuta bil-komportament taghha meta bdiet il-konvivenza matrimonjali wara c-celebrazzjoni taz-zwieg bir-rit religjuz, uriet li ma kinitx lesta ghall-impenn tal-hajja matrimonjali, bid-drittijiet u obbligi taghha, senjatament dawk relattivi ghall-prokreazzjoni tat-tfal u tat-trobbija ta' l-istess.

Illi f' dan il-kaz, il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1], stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaz-zwieg kuntrattat fis-6 ta' Marzu 1999, huma kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

[2] Fol.88

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Marzu 1999.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------